32001D0055

L 25/1 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 26.1.2001

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tat-22 ta' Diċembru 2000
## dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar kummerċ ta' prodotti ta' tessuti bejn il-Komunità Ewropea u r- Repubblika ta l-Kroazja mibdi fi Brussel nhar it-8 ta' Novembru 2000

(2001/55/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat Ftehim dwar kummerċ ta' prodotti ta' tessuti mar-Repubblika tal-Krozja f'isem il-Komunità.

(2) Il-Ftehim inbeda fit-8 ta' Novembru 2000.

(3) Il-Ftehim, suġġett għal konklużjoni f'data futura, għandu jkun iffirmat għan-nom tal-Komunità

(4) Huwa xieraq li, suġġett għar-reċiproċità, dan il-Ftehim jibda japplika fuq bażi provviżorja mill-1 ta' Jannar 2001 sakemm ma jkunu konklużi l-proċeduri relevanti għall-komklużjoni formali.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Suġġett għal konklużjoni f'data futura, il-President tal-Kunsill huwa awtorizzat li jinnomina persuni li jkollom il-poter li jiffirmaw il-Ftehim dwar kummerċ ta' tessuti mar-Repubblika tal-Kroazja, f'isem il-Kunsill.

*Artikolu 2*

Il-Ftehim imsemmi fl-Artikolu 1, suġġett għar-reċiproċità, għandu jiġi applikat fuq bażi proviżorja mill-1 ta' Jannar 2001 sakemm ikunu lesti l-proċeduri għall-konklużjoni tiegħu.

It-test tal-Ftehim huwa miżjud ma din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Brussel, fit-22 ta' Diċembru 2000.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. PIERRET